DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-26 ta' Novembru 2009

li tawtorizza lil Franza biex tikkonkludi ftehim ma' Saint-Pierre-et-Miquelon, Mayotte, il-Kaledonja l-Ġdida, il-Polinesja Franċiża u Wallis u Futuna rispettivament għal trasferimenti ta' fondi bejn Franza u kull wieħed minn dawn it-territorji sabiex jitqiesu bħala trasferimenti ta' fondi fi ħdan Franza, skont ir-Regolament (KE) Nru 1781/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(notifikata bid-dokument numru C(2009) 9254)

(It-test bil-Franċiż biss huwa awtentiku)

(2009/853/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1781/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2006 dwar informazzjoni dwar il-pagatur, li għandha takkumpanja t-trasferimenti ta' fondi [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 17 tiegħu,

Wara li kkunsidrat l-applikazzjoni minn Franza,

Billi:

(1) Fit-28 ta' Novembru 2007, Franza talbet deroga skont l-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 1781/2006 għat-trasferimenti ta' fondi bejn Saint-Pierre-et-Miquelon, Mayotte, il-Kaledonja l-Ġdida, il-Polinesja Franċiża u Wallis u Futuna rispettivament u Franza.

(2) Skont l-Artikolu 17(2) tar-Regolament (KE) Nru 1781/2006, it-trasferimenti ta' fondi bejn Saint-Pierre-et-Miquelon, Mayotte, il-Kaledonja l-Ġdida, il-Polinesja Franċiża u Wallis u Futuna rispettivament u Franza kienu ġew provviżorjament meqjusa bħala trasferimenti ta' fondi fi Franza mill-4 ta' Diċembru 2007.

(3) L-Istati Membri ġew mgħarrfa waqt il-laqgħa tal-Kumitat dwar il-Prevenzjoni tal-Ħasil tal-Flus u l-Iffinanzjar tat-Terroriżmu tas-16 ta' Ġunju 2009 li l-Kummissjoni qieset li kienet irċeviet l-informazzjoni meħtieġa biex tevalwa t-talba ta' Franza.

(4) Saint-Pierre-et-Miquelon, Mayotte, il-Kaledonja l-Ġdida, il-Polinesja Franċiża u Wallis u Futuna ma jifformawx parti mit-territorju tal-Komunità kif iddeterminat skont l-Artikolu 299 tat-Trattat tal-KE. Madankollu, Saint-Pierre-et-Miquelon u Mayotte permezz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill tal-31 ta' Diċembru 1998 kif ukoll il-Kaledonja l-Ġdida, il-Polinesja Franċiża u Wallis u Futuna permezz tal-Protokoll 27 dwar Franza mehmuż mat-Trattat tal-Komunità Ewropea jifformaw parti miż-żona monetarja ta' Franza. Għalhekk Saint-Pierre-et-Miquelon, Mayotte, il-Kaledonja l-Ġdida, il-Polinesja Franċiża u Wallis u Futuna huma konformi mal-kriterju stipulat fl-Artikolu 17(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 1781/2006.

(5) Il-fornituri tas-servizzi ta' pagament f'Saint-Pierre-et-Miquelon, Mayotte, il-Kaledonja l-Ġdida, il-Polinesja Franċiża u Wallis u Futuna jipparteċipaw direttament fis-sistemi ta' pagament u ta' kumpens fi Franza, fosthom jew CORE jew Target2-Banque de France. Għalhekk huma konformi mal-kriterju stipulat fl-Artikolu 17(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1781/2006.

(6) Ir-regolamenti tal-KE li se jkunu applikabbli għal Saint-Pierre-et-Miquelon, Mayotte, il-Kaledonja l-Ġdida, il-Polinesja Franċiża u Wallis u Futuna jeżiġu l-adozzjoni minn Franza ta' leġiżlazzjoni speċifika għal dan il-għan. L-adozzjoni minn Franza tal-Ordni n 2009-102 tat-30 ta' Jannar 2009 dwar informazzjoni dwar il-pagatur, li għandha takkumpanja t-trasferimenti ta' fondi lil u minn Saint-Pierre-et-Miquelon, Mayotte, il-Kaledonja l-Ġdida, il-Polinesja Franċiża u Wallis u Futuna tiżgura li dawk it-territorji jkunu inkorporaw, fis-sistemi ġuridiċi tagħhom, dispożizzjonijiet li jikkorrispondu għal dawk tar-Regolament (KE) Nru 1781/2006.

(7) L-Ordni n 2009-103 tat-30 ta' Jannar 2009 li tirrigwarda l-iffriżar ta' assi notevolment fil-ġlieda kontra l-iffinanzjar tat-terroriżmu jiżgura li jeżistu miżuri xierqa f'Saint-Pierre-et-Miquelon, Mayotte, il-Kaledonja l-Ġdida, il-Polinesja Franċiża u Wallis u Futuna li jimponu pieni finanzjarji fir-rigward tal-entitajiet jew il-persuni mniżżla min-Nazzjonijiet Uniti jew l-Unjoni Ewropea.

(8) L-Ordni n 2006-60 tad-19 ta' Jannar 2006 li timmodernizza l-liġi finanzjarja u ekonomika f'Mayotte, il-Kaledonja l-Ġdida, il-Polinesja Franċiża u Wallis u Futuna, id-Digriet n 2006-736 tas-26 ta' Ġunju 2006 li jirrigwarda l-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u li jimmodifika l-kodiċi finanzjarja u monetarja u l-Liġi n 2004-130 tal-11 ta' Frar 2004 li tirriforma l-istatut ta' ċerti professjonijiet legali u tal-ġudikatura jiżguraw li Saint-Pierre-et-Miquelon, Mayotte, il-Kaledonja l-Ġdida, il-Polinesja Franċiża u Wallis u Futuna għandhom sistema kontra l-ħasil ta' flus ekwivalenti ta' dik applikata fit-territorju Franċiż fir-rigward ta' trasferimenti ta' fondi.

[1] ĠU L 345, 8.12.2006, p. 1.

(9) Għalhekk, Saint-Pierre-et-Miquelon, Mayotte, il-Kaledonja l-Ġdida, il-Polinesja Franċiża u Wallis u Futuna adottaw l-istess regoli bħal dawk stabbiliti skont ir-Regolament (KE) Nru 1781/2006 u jeżiġu li l-fornituri tas-servizzi ta' pagament rispettivi tagħhom japplikawhom u b'hekk jissodisfaw il-kriterju stipulat fl-Artikolu 17(1)(c) ta' dak ir-Regolament.

(10) Huwa għalhekk xieraq li Franza tingħata d-deroga mitluba.

(11) Il-miżuri pprovduti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat dwar il-Prevenzjoni tal-Ħasil tal-Flus u l-Iffinanzjar tat-Terroriżmu,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Franza għandha tiġi awtorizzata biex tikkonkludi ftehim ma' Saint-Pierre-et-Miquelon, Mayotte, il-Kaledonja l-Ġdida, il-Polinesja Franċiża u Wallis u Futuna rispettivament, bl-iskop li t-trasferimenti ta' fondi bejn Saint-Pierre-et-Miquelon, Mayotte, il-Kaledonja l-Ġdida, il-Polinesja Franċiża u Wallis u Futuna rispettivament u Franza huma meqjusa bħala trasferimenti ta' fondi fi ħdan Franza għall-iskopijiet tar-Regolament (KE) Nru 1781/2006.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Franċiża.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Novembru 2009.

Għall-Kummissjoni

Charlie McCREEVY

Membru tal-Kummissjoni